**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr. Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-lum 9 ta' Gunju 2020**
**2020**

**Rikors Guramentat Numru:- 50/2019 (BS)**

**HSBC Bank Malta plc**

**-vs-**

**Sonia Xerri**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat fejn Dr. Claudia Muscat in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti kif debitament awtorizzata, bil-Malti u bil-gurament tagħha kkonfermat s-segwenti fatti, li hi taf bihom minn dokumenti mizmuma fi hdan l-istess socjeta':

(1) *Illi l-intimata hija debitrici fil-konfront tal-Bank fl-ammont komplessiv ta' tliet mija hamsa u ghoxrin, tliet mija disgha u tmenin u tlieta u erbghin centezmu (€325,389.43) dovuti kif sejjer jigi spejgat hawn taht:*

   a. *Ammont ta' €202,368.82 restituzzjoni ta' kapital fuq Home loan fuq il-kont numru 14164654, u €34,580.37 imghaxijiet fuq dan l-ammont b'effett sal-5 ta' April 2019. Inizjalment dan is-self kien jirraprezenta debitu fuq.*

   b. *Ammont ta' €72,068.52 restituzzjoni ta' kapital fuq Maxi Credit numru 18062622, u €9,356.27 imghaxijiet fuq dan l-ammont b'effett sal-5 ta' April 2019.*

c. *Ammont ta' €6,268.32 restituzzjoni ta' kapital fuq kont numru 071-265029-050 u €747.13 imghaxijiet fuq dan l-ammont b'effett sal-5 ta' April 2019.*
d. *Oltre interessi legali ta' 8% fis-sena ulterjuri b'effett sal-5 ta' April 2019 sal-effettiv pagament;*

(2) *Illi minkejja li giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali tal-24 ta' Jannar 2018 sabiex tirregola ruhha u thallas l-ammont dovut minnha, l-intimata baqghet inadempjenti;*

Talbet ghalhekk li din l-Onorabbli Qorti:

1. *Tiddikjara illi l-konvenuta m'onoratx il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekadiet mill-beneficcju taz-zmien;*

2. *Tiddikjara li l-konvenuta debitrici fil-konfront tal-HSBC Bank Malta plc fl-ammont komplessiv ta' tliet mija hamsa u ghoxrin, tliet mija disgha u tmenin u tlieta u erbghin centezmu (€325,389.43) dovuti kif fuq inghad, oltre l-imghaxijiet legali bir-rata ta' 8%, dovuti sal-5 ta' April 2019 sal-pagament effettiv;*

3. *Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas dan l-ammont globali ta' tliet mija hamsa u ghoxrin, tliet mija disgha u tmenin u tlieta u erbghin centezmu (€325,389.43) flimkien ma' interessi ulterjuri fuq l-ammont globali ai termini tal-Artikolu 1142 tal-Kapitolu sittax tal-Ligijiet ta' Malta b'effett sal-6 ta' April 2019 sal-pagament effettiv.*

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali fuq imsemmija u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta, debitament notifikata fl-03 ta' Ottubru 2019 skont kif jirrizulta mir-riferta li tinsab a fol. 40, naqset milli tipprezenta risposta ghat-talbiet tal-attur u naqset ukoll milli tidher personalment (jew tramite rapprezentant legali) ghas-smigh tal-kawza biex tikkontesta t-talbiet attrici.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2019 deher biss ir-rapprezentant legali tal-Bank attur.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2020, l-avukat difensur tal-attur ipprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuta.

Rat ukoll illi fis-seduta tad-29 ta' April, 2020, il-konvenuta wara li giet imsejha diversi drabi, naqset li tidher biex twiegeb ghall-kapitoli ghas-subizzjoni taghha;

Rat illi waqt l-istess seduta, l-avukat tal-attur iddikjara li m'hemmx iktar provi x'jitressqu u talab lill-Qorti biex tghaddi ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**;

Illi fis-seduta tad-29 ta' April, 2020, il-konvenuta wara li giet imsejha diversi drabi, naqset li tidher ghas-subizzjoni u ghalhekk il-Qorti b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 702(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis li l-kapitolu gie debitament mistqarr u accettat mill-istess konvenuta.

Illi skont kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 702 *et seq*. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u skont kif jinsab ukoll pacifikatament ritenut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, in-nuqqas minghajr raguni valida tas-subent li jidher u jwiegeb ghall-kapitoli tas-subizzjoni - li *del resto* huma intizi biex jaghmlu prova tad-domanda attrici - jitqies bhala prezunta konfessjoni. Madanakollu, billi s-subizzjoni hija biss wahda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tingieb in sostenn tat-talba attrici, huwa wkoll risaput li din il-prova wahedha mhux necessarjament bizzejjed biex tissodisfa l-piz tal-prova nkombenti fuq l-attur ghas-success tal-pretensjoni tieghu.

Jinghad ukoll illi l-gudikant m'huwiex marbut f'kull kaz bil-konfessjoni li tista' tirrizulta minn nuqqas li jitwiegbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din tikkuntrasta ma' provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti processwali, u dan in omagg ghall-principju *actor non probante reus absolvitur*. Kif gia gie ritenut meta konvenut jonqos illi jidher u jwiegeb ghall-kapitoli dawn

*"… … … jitqiesu konfessati pero' dan ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa*

*flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga' prodotta quddiem il-Qorti."*[1]

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi minbarra s-subizzjoni tal-konvenuta l-Bank attur ipprezenta diversi dokumenti nkluzi kuntratti ta' self li saru bejn il-Bank u l–intimata. Mid-dokumenti esebiti[2] jirrizulta illi l-intimata hija debitrici tal-attur f'diversi somom.

Jirrizuta wkoll illi l-attur qed jippretendi il-hlas ta' tliet mija u hamsa u ghoxrin elf, tliet mija disgha u tmenin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€325,389.43), liema somma tirrapprezenta mitejn u tnejn elf, tliet mija tmienja u sittin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€202,368.82) restituzzjoni ta' kapital fuq Home Loan u erbgha u tletin elf, hames mija u tmenin ewro u sebgha u tletin centezmu (€34,580.37) imghaxijiet fuq dan l-ammont b'effett sal 5 ta' April, 2019, kif ukoll tnejn u sebghin elf u tmienja u sittin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€72,068.52) restituzzjoni ta' kapital fuq Maxi Credit u disat elef tliet mija sitta u hamsin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€9,356.27) bhala mghaxijiet b'effett sal-5 ta' April, 2019. Hemm ukoll is-somma ta' sitt elef mitejn, tmienja u sittin ewro u tnejn u tletin centezmu (€6,268.32) restituzzjoni ta' kapital kif ukoll seba' mija u sebgha u erbghin ewro u tlettax–il centezmu (€747.13) bhala mghaxijiet b'effett sa April, 2019.

Il-konveuta ma kkontrastat bl-ebda mod din il-pretensjoni u ghalhekk il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz il-kapitolu jammonta ghall-konfessjoni tal-konvenuta liema konfessjoni m'hijiex kontradetta minn ebda prova ohra fl-atti processwali.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti ghalhekk tqis li l-konvenuta hija debitrici tal-attur fis-somma mitluba u ghar-raguni ndikata fir-Rikors Guramentat. Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi din il-Qorti ssib illi t-talba tal-attur giet debitament ippruvata bis-subizzjoni tal-konvenuta, u konsegwentement, timmerita li tigi akkolta.

---

[1] James Trapani et v. Vincent Cilia, Appell
[2] A fol 5 sa 36 tal-process

In kwantu ghall-imghax, l-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili jipprovdi illi l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-ewwel interpellazzjoni ufficjali li saret lill-konvenuta. F'dan il-kaz, jirrizulta illi l-konvenuta giet debitament interpellata b'ittra ufficjali fl-24 ta' Jannar, 2018, debitament notifikata lilha fit-12 ta' Marzu, 2018 u ghalhekk il-Qorti tqis illi l-imghax beda jiddekorri minn dak inhar.

In kwantu ghat-talba ghall-hlas tal-ispejjez tal-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Jannar 2018 imsemmija fir-rikors promotur, il-Qorti tosserva li din l-ittra giet esebita fil-process a fol 25 u ghalhekk il-Qorti tilqa' t-talba.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-konvenuta m'onoratx il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekadiet mill-beneficcju taz-zmien;

2. Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara li l-konvenuta hija debitrici fil-konfront tal-HSBC Bank Malta plc fl-ammont komplessiv ta' tliet mija hamsa u ghoxrin elf, tliet mija disgha u tmenin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€325,389.43) dovuti ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors guramentat, bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali sal-pagament effettiv;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenuta thallas l-ammont globali ta' tliet mija hamsa u ghoxrin elf, tliet mija disgha u tmenin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€325,389.43) dovuti ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors guramentat, bl-imghax legali mid- data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali sal-pagament effettiv

L-ispejjez kollha tal-kawza huma a karigu tal-konvenuta.

Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

Maureen Xuereb
D/Registratur